MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Numru 104/2004

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Daniel Lanzon

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 567485M, akkuzat talli nhar il-25 ta’ Dicembru, 2003, fil-ghaxija, mill-fabbrika Mediterranean Power Electronics, li tinsab fil-font: A 18B, Qasam Industrijali tal-Marsa, limiti ta’ Hal-Luqa:

1. Ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Mazda, mudell 626, ta’ lewn griz u bin-numru tar-registrazzjoni: MPE-626, liema valur tal-vettura jeccedi l-elf Lira Maltin ghad-

detriment ta’ Raymond Attard miz-Zurrieq u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin u dana bi ksur ta’ l-Artikoli 263, 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mill-fabbrika Mediterranean Power Electronics, li tinsab fil-font: A 18B, Qasam Industrijali tal-Marsa, limiti ta’ Hal-Luqa, ikkommetta serq ta’ zewg settijiet ‘Two-way radio’ ta’ l-ghamla Yaesu, mudel FTH-2006, li jiswew Lm160 ghad-detriment ta’ Raymond Attard miz-Zurrieq u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin u dana bi ksur ta’ l-Artikoli 263, 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkawza hsarat volontarji fl-istess fabbrika Mediterranean Power Electronics, li tinsab fil-font: A 18B, Qasam Industrijali tal-Marsa, limiti ta’ Hal-Luqa, liema hsarat jeccedu l-Lm50 izda mhux izjed minn Lm500 ghad-detriment ta’ Raymond Attard miz-Zurrieq u persuni ohra u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. kien ghamel uzu mill-vettura ta’ l-ghamla Mazda, mudell 626, ta’ lewn griz u bin-numru tar-registrazzjoni: MPE-626, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta’ Raymond Attard miz-Zurrieq u persuni ohra, liema hsara teccedi Lm100 u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu oggetti misruqa jew akkwistati b’qerq u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 286 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wara li kien gie kkundannat f’Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instabu fil-pussess tieghu ghodod tajbin ghal ftuh jew zgassar ta’ seraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 287 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer saq vettura ta’ l-ghamla Mazda, mudell 626, ta’ lewn griz u bin-numru tar-registrazzjoni: MPE-626, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew id-Direttur tat-Traffiku, b’hekk ma kienx kopert mill-polza tas-sigurta’ ghal terzi persuni u dana bi skur ta’ l-Artikoli

15(1)(e)(3) tal-Kap 65 u Artikolu 3, Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema saru definittivi.

Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-12 ta' Marzu, 2003.

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mitluba wkoll illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mill-Avukat Generali.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza ssir sommarjament.

Semghet ix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tad-19 ta' Gunju ta' dina s-sena jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat huwa mixli b'serq; hsara volontarja; pussess ta' hwejjeg misruqa minn persuna gia' kkundannata fuq serq jew ricettazzjoni; pussess mhux gustifikat ta' flus, oggetti etc minn persuna gia' kkundannata ghal serq jew ghal ricettazzjoni; ta' sewqan bla licenzja u minghajr kopertura ta' assikurazzjoni. Hemm oltre r-recidiva. Minbarra hemm citati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali xi ksur indeterminat tal-Artikoli riferenti ghas-sentenza sospiza.

L-imputat qieghed jammetti dawn l-addebiti u l-ammissjoni tieghu hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Ghalhekk u filwaqt li ssibu hati tal-imputazzjonijiet skond u ai termini tal-att tar-rinviju fid-dawl u sakemm jirrispekkjaw l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 18, 31, 17(b)(h), 49, 50, 289 tal-Kap 9, l-Artikolu 15(1)(a)(3) u t-tieni skeda tal-Kap 65 u l-Artikolu 3(1), (1A), 2(A) tal-Kap 104.

Tikkundannah dsatax-il xahar prigunerija mill-lum u 35 Ewro multa b'dan li kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz jitnaqqsu ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap 9.

Tiskwalifikah mill-licenzji tieghu ta' sewqan ghal tmien t'ijiem mill-lum.

Tordna l-konfiska tar-refurtiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------